# It-Tramm (1905 - 1929)

## Kien jgħaddi minn ġol-Qalba ta' Santa Venera

Joseph Giorgio - Ħal Qormi

■ Taħt l-Ingliżi Malta kienet rat ġid u progress. Bis-saħħa ta' intraprendituri Ingliżi, il-progress li kien qed isir fuq il-Kontinent kien wasal hawn ukoll, għalkemm ikollna nammettu li bosta drabi dejjem jasal wara ftit żmien. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, konna rajna l-ferrovija, il-lift u t-tramm. L-inawgurazzjoni tat-tramm f'Malta saret fil-Marsa, fi żmien il-Gvernatur Sir Charles Mandfield Clarke (1903 - 1907). Dan qabbad il-muturi ta' l-eletriku li kienu mħejjija apposta biex jiffidjaw il-wires matul it-triqat kollha mnejn kellhom jgħaddu t-trammijiet.

Fit-23 ta' frar 1905, kienet ġiet inawgurata l-'Malta Tramway'. L-operaturi kienu Maccartney MacElroy. Dawn ġa kienu operaw din il-kwalità ta' trasport f'diversi partijiet tad-dinja, imma kien rari fejn baqgħu iħaddmuhom wara li kienu jiġu nstallati.

It-tramm kien metodu effiċenti u nadif kif jaħdem, għax kien jaħdem bid-dawl eletriku. Barra mix-xufier, li kien iħadddem it-tramm, kien hemm ukoll dak li konna ngħidulu l-kunduttur, biex jaqta' l-biljett lill-passiġġieri. Fl-1903, kienu bdew jitħejjew il-linji matul it-toroq, u twaħħlu arbli li magħhom kellhom imqabbad il-wire ta' l-eletriku. It-tram, kien qisu vettura qisgħa vagun kbir, bil-bankijiet fuq kull naħa. Kien hemm oħrajn li kellhom fuq u isfel (double-decker) u oħrajn hekk imsejħa tal-ħaddiema, bil-bankijiet wara xulxin. Fuq is-saqaf, kien hemm arblu li kienu iwaħħluħ mal-wire li jgħaddi mat-toroq kollha, u hekk jagħmel kuntatt mal-kurrent hu u jimxi.

Il-kumpannija kienet bniet "power station" f'Jetties Wharf, il-Marsa, biex din tkun tista' tieħu l-kurrent eletriku. Huma kienu jservu lil Birkirkara, Floriana, Ħamrun, Santa Venera (minn St. Joseph High Road) Fleur-de-Lys (it-tlitt ibliet). Raħal Ġdid u Ħaż-Żebbuġ. L-istazzjon tat-tramm f'Birkirkara kien barra mill-istazzjon tal-ferrovija. Ma rridux ninsew li f'dan iż-żmien f'Malta kienet għada topera l-ferrovija, li kienet ukoll tgħaddi minn xaqliba oħra ta' Santa Venera. It-terminus tat-tramm (tat-tlett ibliet) kien barra l-mina t'Għajn Dwieli. It-terminu prinċipali kien barra Bieb il-Belt. Ir-rotta ta' Ħaż-Żebbuġ, kienet l-aktar waħda imwarrba, u kemm kemm, kienet tmiss ma' Ħal Qormi. It-terminus ta' Ħaż-Żebbuġ kien Barra mill-Bieb De

Rohan. Bħas-soltu, kif spiss ghadu jiġri f'pajjiżna, barra mill-ferrovija, it-tramm kellu wkoll kompetizzjoni mal-karrozzini u d-dgħajjes. Fatt kurjuż huwa, kif is-servizz tat-tramm, qatt ma kien ġie estiz ngħidu aħna għall-Pietà, Msida, Gżira, Sliema, u San Ġiljan, fejn ġa kien hemm popolazzjoni mhux żgħira ta' nies joqgħodu f'dawn l-inħawi, li kienu qed jikbru kuljum. Il-kumpannija kellha wkoll speċi ta' karrozzi biex ibixxu l-linji tat-tramm, għax it-tramm kien jimxi fuq il-linji, minħabba t-trab li kien jinġabar fuqhom. L-akbar ġhadu tat-tramm kien ikun meta jinqata d-dawl eletriku, għax is-servizz kien jieqaf, u din kienet problema kbira għall-kunpannija. Xi disgrazzji li ġraw ukoll, bħal meta fit-30 ta' Settembru 1905, it-tramm numru 4 qabeż il-linja huwa u nieżel in-niżla ta' Għajn Dwieli, u kienu mietu erba' passiġġieri inkluż ix-xufier. Każ ieħor kien ġara din i-darba fin-niżla ta' Raħal Ġdid, nhar l-20 ta' Lulju 1920. Mietet mara meta t-tramm baqa' nieżel in-niżla bla kontroll ta' xejn.

Joseph MacElroy, kien ħalla Malta ftit wara li t-tramm kien ġie inawgurat, u dan ħalla kollox f'idejn John Macartney, sakemm dan miet ukoll għal gharrieda fl-1913. Wara li spiċċat l-ewwel Gwerra Dinjija (1913 - 1918), is-servizz tat-tramm beda sejjer lura, minħabba li bdew deħlin vetturi bil-mutur bil-mod il-mod, sa ma bdew jinfirxu sew ma Malta kollha. Bla investiment u ppjanar ġdid, is-servizz tat-tramm beda sejjer dejjem lura bil-kbir, sa ma kellu jieqaf darba għal dejjem. Dan seħħ nhar il-15 ta' Diċembru 1929. Iżda Macartney u MacElroy, sa ċertu punt kienu baqgħu hawn fostna joperaw f'Malta sal-1973, meta kellhom jagħlqu l-azjenda l-oħra tal-1905 wkoll, il-'lifts' tal-Barrakka ta' Fuq, ġewwa l-Belt.

It-tramm reġa' ssemma fl-Olimpjadi ta' Atene tas-sena l-oħra 2004, meta fil-Greċja nbniet linja tat-tramm simili ghal dik li kellha Malta. Din inbniet bi spiża ta' aktar minn 300 miljun Euros, u li kienet meqjusa bhala soluzzjoni għall-problemi tat-traffiku li toħnoq il-kapitali Griega kuljum. Però din il-linja tat-tramm, xejn ma kienet niżlet tajjeb mal-pubbliku Grieg, minħabba li keinet timxi bil-mod, u skond dawk li użawha, kienet tieqaf spiss biex tgħabbi u tniżżel il-passiġġieri.

---

*Nota: Jeżisti ritratt tat-tramm, għaddej minn ħdejn il-Bieb tal-Fleur de Lys. Dan ir-ritratt huwa storiku għax illum it-tramm ilu li spiċċa mill-1929, u l-Bieb tal-Fleur de Lys messitu l-istess sfortuna. Dan ġara fl-1943 meta crane tal-militar laqtu u ġarrfu. Il-ġebel tiegħu, suppost li ġie nnumerat u merfugħ f'għalqa f'Santa Venera, iżda dan l-imbierek ġebel qatt ma nstab.*